


NOTIFIKI OB Unit 4K I L-ewwel f'Malta fl-okkazzjoni tal-25 Avviversarju ta' ONE

# Jitlesta l-proġett b'investiment ta' €3M fil-Buskett



Il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima José Herrera ħabbar li tlesta l-proġett LIFE Saving Buskett li kien kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea LIFE+ u li ġie implimentat mid-Direttorat tal-PARKS. Il-proġett ta' tliet miljuni kien jinvolvi, fost diversi xogħlijiet, ir-restawr tal-arkati, it-tiswija ta' ħajt tas-sejjieħ, it-tneħħija ta' speċi invażivi, u t-tħawwil ta' aktar minn 3,000 siġra indiġena fil-Buskett.

Il-Ministru Herrera sostna li l-ħarsien tal-bijodiversità tagħna huwa vitali għaliex apparti li permezz tagħha jinżamm b'saħħtu l-ambjent naturali, hija tikkontribwixxi wkoll għal tkabbir sostenibbli, u għaldaqstant huwa importanti li nikkonservaw l-ispeċi u l-*habitats* tagħna.

Il-ministru spjega li Malta għandha total ta' 34 siti terrestri li ġew magħżula bħala siti ta' Natura 2000, u l-Buskett huwa wieħed minn dawn is-siti. Huwa qal li dawn is-siti huma koperti minn Management Planjew Ordni ta' Konservazzjoni li jkopru diversi xogħlijiet fosthom ir-restawr tal-habitats, l-afforestazzjoni, it-tneħħija ta' speċi aljeni invażivi, l-introduzzjoni mill-ġdid u t-tisħiħ tal-ispeċi, u t-twaqqif ta' mixtliet għal speċi ta' pjanti li huma mhedda u endemiċi.

Il-Ministru Herrera tenna li qed isiru preparamenti għat-twaqqif ta' Ambjent Malta bl-għan li jiġu kkoordinati sforzi relatati mal-protezzjoni tal-wirt ambjentali, filwaqt li tkun responsabbli għall-ħarsien tas-siti ta' Natura 2000, kampanja u widien.

Lokali

**ONE NEWS**

April 19, 2018, 12:14 pm **0 Comments**

**0 Comments** **One News** 1 **Login**

Recommend Tweet Share Sort by Best

Start the discussion…

LOG IN WITH

OR SIGN UP WITH DISQUS ?

Name

Be the first to comment.

Subscribe Add Disqus to your siteAdd DisqusAdd

Sponsored

DAILY NEWS

**Local Millionaire Exposes How She Earns $472/Hr From Home**

Mom Makes $10,378/Month From Home

Learn More



Report ad

</>

©2016 All Rights Reserved. One News